MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 726/2012

**Health Services Group Limited**
**C-16298**

**vs**

**Marco Aquilina**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ddikjarat illi l-intimat ingagga lis-Socjeta' rikorrenti sabiex is-Socjeta' rikorrenti tippresta servizz ta' *nursing* ghall-bzonnijiet ta' missieru John Aquilina u fil-fatt hekk sar; Illi baqa' bilanc ta' elf, seba' mija wiehed u disghin ewro u erbgha u tmenin centezmi (€1,791.84c). Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' elf, seba' mija wiehed u disghin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€1,791.84c) bl-ispejjez u l-intimat huwa ngunt ghas-subizzjoni u l-ispejjez tal-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa (i) illi in linea preliminari, l-esponent m'huwiex il-legittimu kontradittur tat-talbiet tal-kumpannija attrici kif dedotti, u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, bl-ispejjez kontra l-istess kumpanija attrici, billi, fl-ewwel lok l-esponenti qatt ma ta xi nkarigu lill-kumpanija attrici f'ismu personali u billi, fit-tieni lok, u kif sahansitra jirrizulta mill-premessi tal-avviz promotorju, l-kumpannija attrici ma pprestat l-ebda servizzi ghall-beneficcju tal-istess esponent; (ii) illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-meritu, l-kumpanija attrici ghandha tressaq prova cara u skont il-ligi tas-servizzi minnha prestati, u tal-valur taghhom, a tenur, *inter alia*, tal-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta); (iii) Salv risposti ulterjuri permessi mil-Ligi.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici xehed illi s-Socjeta' attrici tipprovdi servizz ta' *nursing* u *assistant carers* li jmorru fi sptarijiet u anke fir-residenza ta' individwi li jkunu jehtiegu xi tip ta' assistenza medika.  Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici, li jokkupa l-kariga ta' *Services Co-ordinator* fi hdan is-Socjeta' attrici ddikjara illi kien avvicinah il-konvenut li talab li jigu pprestati dawn is-servizzi lil certu John Aquilina, li kien jigi mill-istess konvenut.  Illi tali servizzi kellhom jigu pprestati kuljum fir-residenza fejn kien qed jghix il-klijent tas-Socjeta' attrici, u l-*care worker* kien imur ghal diversi sieghat filghodu jew ghal xi sieghat wara nofsinhar.  Illi tali servizz beda jinghata f'Mejju, 2011, u baqa' ghaddej sal-1 ta' Ottubru, 2011.  Illi kien gie mwettaq pagament wiehed, liema hlas kien gie mwettaq minn certu Alfred Ciantar li mar fizikament fl-ufficini tas-Socjeta' attrici u wettaq il-hlas bi flus kontanti, u dan wara li saru diversi telefonati mis-

Socjeta’ attrici fl-ufficini tas-Socjeta’ Rainbow Mix Limited sabiex jitolbu li jigi mwettaq il-hlas. Illi l-istess rapprezentant anke mar fizikament fl-ufficini tas-Socjeta’ konvenuta sabiex jottjeni l-hlas, u hemm kien ikellem lil certa Veronica Camarotta, li kienet taccertah illi l-hlas ser jigi mwettaq. Illi dwar il-kontijiet ghall-ammont dovut, ir-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici ddikjara illi dawn intbaghtu fl-indirizz tal-ufficini ta’ Rainbow Mix Limited fuq rikjesta tal-konvenut. Illi r-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici jsostni illi kienet irceviet l-istruzzjonijiet sabiex tippresta s-servizzi taghha lil John Aquilina minghand il-konvenut, u li kwalunkwe kommunikazzjoni in rigwarda kienet mal-istess konvenut, u ma’ zewg impjegati fi hdan is-Socjeta’ Rainbow Mix Limited, u cioe’ Veronica Camarotta u Alfred Ciantar. Illi mistoqsi jekk intbaghtx il-kont direttament lil John Aquilina, a favur ta’ min kienu qed jigu pprestati s-servizzi, ir-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici ddikjara illi kellu struzzjonijiet minghand il-konvenut sabiex ma jibghatx kontijiet fl-indirizz tar-residenza ta’ John Aquilina.

Illi l-konvenut da parti tieghu ddikjara illi John Aquilina huwa z-ziju tieghu, u li dan kien fi shab fin-negozju ma’ missier il-konvenut – dan tal-ahhar huwa llum mejjet. Illi l-istess John Aquilina kien ghadu azzjonista fi hdan is-Socjeta’ Rainbow Mix Limited, izda ma kienx aktar attiv fil-gestjoni taghha, u dan minhabba li kien ibaghti minn kundizzjoni medika. Illi l-konvenut iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta’ direttur fi hdan is-Socjeta’ Rainbow Mix Limited. Illi l-istess konvenut iddikjara illi ma kienx hu li nkariga s-servizzi tas-Socjeta’ attrici ghaz-ziju tieghu, izda ma setax jeskludi illi s-Socjeta’ attrici kienet giet avvicinata minn Veronica Camarotta – li hija s-segretarja tieghu – sabiex jigu nkarigati tali servizzi; madanakollu, kompla jsostni illi jekk kien hekk, ma kienx hu li taha tali struzzjonijiet.

Illi l-istess konvenut iddikjara illi huwa minnu li rcieva diversi telefonati minghand ir-rapprezentanti tas-Socjeta’ attrici sabiex jigi mwettaq il-hlas, u anke rcieva ittri in rigward, u filwaqt illi kien jaccerta lir-rapprezentant tas-Socjeta’ attrici li l-hlas kien ser jigi mwettaq, madanakollu,

dan bl-intendiment illi l-hlas ser jigi mwettaq ladarba jigbor il-flus minghand iz-ziju tieghu, li kien pensjonant. Illi ghalkemm il-konvenut jirrikonoxxi illi l-ammont huwa dovut ghaliex is-servizzi gew ipprestati a favur taz-ziju tieghu, madanakollu jsostni illi tali ammont mhux dovut minnu personalment, ghaliex ma kienx hu illi nkariga s-servizzi tas-Socjeta' attrici. Illi l-istess konvenut iddikjara wkoll illi fil-prezent m'ghandux fil-pussess tieghu flus taz-ziju tieghu, izda jista' jaghti l-kaz li fil-futur ikun hemm flus, u ghalhekk ikun jista' jwettaq il-hlas dovut minn tali flus.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni, s-Socjeta' attrici qed titlob hlas ghal servizzi reza minnha a favur ta' certu John Aquilina; illi minkejja t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenut, mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi mhux qed jigi kkontestat illi s-Socjeta' attrici pprestat is-servizzi in kwistjoni lil John Aquilina, li gie stabbilit li huwa z-ziju tal-konvenut. Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut hija primarjament dik rizultanti mill-ewwel eccezzjoni tieghu, u cioe' illi kwalunkwe ammont li jista' huwa dovut lis-Socjeta' attrici, mhux dovut minnu personalment.

Illi mill-atti processwali ma jirrizultax b'mod inekwivoku kif gew inkarigati s-servizzi tas-Socjeta' attrici, u dan in kwantu ma gie pprezentat ebda ftehim, applikazzjoni jew formola bil-miktub in rigward. Illi filwaqt illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici jsostni illi kien il-konvenut illi nkariga s-servizzi tas-Socjeta' attrici, il-konvenut jsostni illi ma kienx hu li avvicinahom. Illi r-rapprezentant tas-Socjeta' attrici ddikjara wkoll illi kien hemm kommunikazzjoni ma' Veronica Camarotta dwar il-pendenzi dovuti lis-Socjeta' attrici, li wkoll accertatu illi l-hlas ser jigi mwettaq, madanakollu, hadd mill-partijiet kontendenti ma ressaq lil din il-persuna sabiex tixhed, bit-tama illi x-xhieda taghha titfa' aktar dawl u twassal ghal kjarifikazzjoni ta' din il-kwistjoni.

Illi z-zewg kopji tar-rendikont li gewipprezentati (a fol.11 u 12 tal-atti), huma t-tnejn intestati lil Veronica Camarotta fi hdan l-ufficini tas-Socjeta' Rainbow Mix Limited. Illi effettivament ma gew ipprezentati ebda fatturi indirizzati lill-konvenut, u kien biss l-ittri interpellatorji (a fol.13 u 14 tal-atti) illi gew indirizzati lill-konvenut personalment. Illi anke f'dak li jirrigwarda l-allegat hlas li sar lis-Socjeta' attrici, jidher illi dan sar fi flus kontanti, u mar iwettaq il-hlas persuna impjegata fi hdan is-Socjeta' Rainbow Mix Limited.

Illi mix-xhieda li nghatat f'dawn il-proceduri rrizulta illi John Aquilina – il-persuna li a favur tieghu gew ipprestati s-servizzi in kwistjoni – kellu u ghad ghandu konnessjoni mas-Socjeta' Rainbow Mix Limited, in kwantu jidher illi dan ghadu azzjonista fi hdan din is-Socjeta', izda skond ma xehed il-konvenut m'ghadux involut fil-gestjoni taghha. Illi l-konvenut, da parti tieghu, huwa direttur fi hdan din is-Socjeta' kummercjali. Illi minkejja f'dan, is-Socjeta' kummercjali in kwistjoni ma gietx inkluza bhala parti f'dawn il-proceduri, ghalkemm gie indikat l-indirizz taghha ghal finijiet ta' notifikazzjoni lill-konvenut tal-atti ta' din il-kawza. Illi daqstant iehor, lanqas ma gie inkluz f'din l-azzjoni l-imsemmi John Aquilina, li *ai fine dei conti*, kien il-persuna li bbenefika mis-servizzi rezi. Illi jidher illi dan ma giex inkluz in bazi ghal zewg fatturi, u cioe' illi skont ir-rapprezentant tas-Socjeta' attrici, din inghatat struzzjonijiet mill-konvenut sabiex ma tibghatx kontijiet lill-imsemmi John Aquilina fir-residenza tieghu, oltre illi jidher illi dan dahal f'*home* u s-Socjeta' attrici m'ghandhix informazzjoni sufficjenti in rigward.

Illi mill-assjem tal-provi li tressqu mill-partijiet, it-Tribunal wisq jissuspetta illi s-Socjeta' attrici kienet kemmxejn selettiva u arbitrarja fid-decizjoni taghha li tipproponi din l-azzjoni unikament fil-konfront tal-konvenut; illi ghalkemm irrizulta illi l-konvenut verbalment ikkonferma mar-rapprezentant tas-Socjeta' attrici li l-ammont reklamat kien dovut, bhal ma effettivament ghamlet ukoll Veronica Camarotta, dan mhux necessarjament ifisser illi tali debitu kien qed jigi assunt minnu personalment. Illi daqstant iehor, il-fatt illi ntbaghtu ittri interpellatorji lill-konvenut fil-

kwalita' personali tieghu, mhux necessarjament ifisser illi l-istess konvenut huwa d-debitur tas-Socjeta' attrici, partikolarment meta r-rendikont inhareg f'isem persuna totalment differenti li hija impjegata fi hdan is-Socjeta' Rainbow Mix Limited. Illi ghalhekk jekk wiehed jistrih fuq lil min gie indirizzat il-kont, fattura jew rendikont, allura se mai, l-azzjoni kellha tigi proposta fil-konfront tal-imsemmija Veronica Camarotta. Illi effettivament kien ikun utili hafna li din il-persuna tressqet mill-partijiet kontendenti sabiex taghti x-xhieda taghha; izda ebda wiehed minnhom m'ghamel dan, bil-konsegwenza illi dan it-Tribunal baqa' minghajr indikazzjoni cara dwar min effettivament inkariga s-servizzi tas-Socjeta' attrici. Illi t-Tribunal mhux konvint illi l-konvenut, fil-kwalita' personali tieghu, inkariga s-servizzi tas-Socjeta' attrici sabiex jipprestaw is-servizzi taghhom liz-ziju tieghu, u cioe' John Aquilina, u huwa ferm aktar probabbli illi jekk saret xi kommunikazzjoni bejn il-konvenut u s-Socjeta' attrici, dan kien fil-kwalita' tieghu ta' direttur tas-Socjeta' Rainbow Mix Limited, tant illi anke r-rendikont ghall-ammont dovut intbghat mis-Socjeta' attrici fl-indirizz tas-Socjeta' kummercjali msemmija.

Illi ghalhekk, fid-dawl tal-kontestazzjoni tal-konvenut, u fin-nuqqas ta' prova inekwivoka dwar min effettivament inkariga s-servizzi tas-Socjeta' attrici - liema servizzi zgur ma kienux ghal beneficcju tal-istess konvenut - it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju, minghajr predgudizzju ghal kwalunkwe azzjoni spettanti lis-Socjeta' attrici fil-konfront tal-legittimu kontradittur.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, filwaqt illi t-Tribunal qed jilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, qed jillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------